MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 63/2009/1

**Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara)**

**v.**

**Esron Pullicino**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fl-24 ta' Frar 2010 li laqghet

il-lanjanza tar-rikorrent u qieset li n-nuqqas ta’ prezenza ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni hija leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u ordnat li l-kaz ikompli jinstema’ u jigi deciz skont il-ligi. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

**“Il-Qorti;**

“Rat illi dawn huma proceduri wara riferenza li saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Magistrati b’digriet tas-6 ta’ Novembru 2009 li in forza tieghu talbet li din il-Qorti biex tiddeciedi dwar jekk gewx lesi d-drittjiet fundamentali tal-bniedem meta l-akkuzat ma kienx assistit minn Avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Esekuttiva meta huwa rrilaxxja stqarrija minghajr il-beneficcju tal-assistenza ta’ Avukat;

“Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz taghha:

“Illi l-allegazzjonijiet maghmula mill-akkuzat fir-rigward tal-kwistjoni suggett ta' din ir-riferenza huma allegazzjonijiet illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi b'ebda punt ma jista’ jitqies li sehh xi lezjoni tad-drittijiet tal-akkuzat kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

“Illi l-akkuzat qed jallega tali lezjoni sehhet minhabba l-fatt li l-istqarrija tieghu kif moghtija LIBERAMENT u VOLONTARJAMENT da parti tieghu stess quddiem l-Ufficjali tal-Pulizija nghatat minghajr il-prezenza ta' avukat;

“Illi ghandu jigi ribadit bl-akbar qawwa illi ebda interpretazzjoni tad-dritt sancit mill-Artikolu 6 b'xi mod jghid li l-prezenza tal-ghajnuna legali fl-istadji bikrin tal-investigazzjoni b'xi mod ghandha titqies li tipprova l-ezistenza ta' lezjoni bbazat fuq l-istess Artikolu;

“Illi huwa principju rikonoxxut illi l-pern li fuqha ghandha tibbaza l-kunsiderazzjonijiet taghha din l-Onorabbli Qorti huwa minghajr dubju l-volontarjeta` *o meno* tal-istess stqarrija;

“Illi ghandu jirrizulta ampjament ppruvat li f’ebda punt ma kien hemm xi koersjoni da parti tal-esponenti fil-konfront tal-akkuzat qabel ma dan tal-ahhar rrilaxxja l-msemmija stqarrija;

“Illi *di piu* qabel ma giet rrilaxxjata l-msemmija stqarrija mill-akkuzat, l-istess akkuzat kien gie avzat mill-Ufficjal tal-Pulizija li jekk jidhirlu hu seta’ ma jghid xejn;

“Illi allura wiehed ghandu jkun aktar min gustifikat meta jasal ghall-konkluzjoni li l-istqarrija nghatat liberament mill-istess akkuzat wara dan tal-ahhar kien avzat bil-konsegwenzi ta' tali stqarrija;

“Illi *in oltre* ghandu jigi ribadit li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali t'assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta' smigh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b'reat kriminali;

“Illi ta’ min wiehed jinnota illi meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq a bazi tal-Artikolu 6 minhabba n-nuqqas t'assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, l-istess Qorti kkwalifikat il-gudizzju taghha u tenniet li persuna jkollu dritt jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni f’kaz li ma jkollux smiegh xieraq fil-proceduri kriminali;

“Illi f’dan il-kaz ghandu jirrizulta car illi s-smiegh xieraq fil-proceduri kriminali kien hemm;

“Illi d-dritt ta' smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-procedura u mhux fir-rigward ta' mumenti izolati minnu.

“Illi dak li qed jipprova jaghmel l-akkuzat hu li jipprova jgieghel lil din l-Onorabbli Qorti tevalwa jekk sehhx

vjolazzjoni tad-dritt msemmi fir-rigward ta' mumenti li sehhew qabel l-akkuzat tressaq bhala tali;

“Illi dan m'huwiex accettabbli u dan il-punt mressaq mill-esponenti huwa msahhah ukoll b'referenza ghall-kaz **“Imbroscia vs Switzerland”** fejn intqal s-segwenti:

*““The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 - a fair trial - has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case”;*

“Illi ghandu jinghad ukoll li fil-kaz **“Salduz** vs **Turkey”,** il-fatti kienu differenti hafna mill-kaz odjern.

“Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad li t-Turkija kellha ligi li tirregola l-materja in kwistjoni;

“Illi *in oltre* ghandu jigi emfasizzat li f’dak il-kaz kien hemm allegazzjoni ta' trattament hazin – haga li zgur ma jistax jirrizulta fil-kaz odjern;

“Ghaldaqstant l-esponenti a bazi tas-suespost u a bazi ta' kwalunkwe sottomissjoni jew prova ohra li tista’ tingieb fi stadju ulterjuri skond il-ligi, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad l-allegazzjonijiet maghmula mill-akkuzat bl-ispejjez kontra l-istess akkuzat.

“Rat l-atti tal-process kriminali li ghadu pendenti;

“Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2009 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara illi l-Avukati rispettivi ddikjaraw illi jaqblu li r-rikorrenti kien taht l-eta’ meta saret l-istqarrija, u li din l-istqarrija kienet l-unika prova tal-Prosekuzzjoni fil-proceduri kriminali;

“Rat li ghalkemm il-partijiet kienu awtorizzati li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet, huma naqsu li jaghmlu dan.

“Ikkunsidrat;

“Illi fil-proceduri kriminali msemmija, l-akkuzat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta’ Novembru 2009 b’akkuzi ta’ pussess ta’ droga. Il-Qorti se tirriproduci parti kbira tal-verbal tas-seduta ghal aktar kjarezza;

*“Il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-unika prova hija l-istqarrija tal-imputat.*

*“Id-difiza, stante li l-prosekuzzjoni iddikjarat li l-unika prova hija l-isqarrija li ghamel l-imputat fis-26 ta’ Frar 2006, qed titlob lill-Qorti li taghmel referenza kostituzzjonali ghax l-imputat ma kienx assistit minn Avukat u ghax l-imputat kien ghadu minorenni.*

*“Il-Qorti wara li rat is-sentenza tal-Grand Chamber tas-27 ta’ Novembru 2008 u dawk moghtija fil-konfront ta’ Cipru f’Dicembru 2008, tal-Polonja fil-31 ta’ Marzu 2009 u iktar ricenti kontra r-Russja qed tqis illi l-kwistjoni mqanqla mhux wahda frivola u vessatorja u jezisti ‘an arguable case’ li jista’ jkun mistharreg taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.*

*“Ghaldaqstant il-Qorti qed tirreferi l-kawza lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili waqt li tibghat il-process biex il-lanjanza tad-difiza tkun mistharrga.”*

“Din il-Qorti, diversament preseduta ftit xhur ilu kellha okkazjoni tiddeciedi dwar din il-kwistjoni fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs Mark Lombardi”** (9 ta’ Ottubru 2009). Ghalhekk il-Qorti se taghmel riferenza estensiva ghal din is-sentenza u wara tapplika l-insenjament taghha ghall-kaz odjern.

“Dakinhar, bhalma ghamel fil-kaz odjern izda fi kliem mhux ezattament l-istess, l-intimat fost affarijiet ohra ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem fil-kawza **“Imbroscia vs Svizzera”** fejn intqal illi:

*““The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.”*

“Il-kaz l-aktar celebri fir-rigward – dak ta’ **“Salduz vs Turkija”** gie msemmi fl-istess risposta ta’ Lombardi b’dan il-mod:

*““Fil-kaz **“Salduz vs Turkey”**, il-fatti kienu differenti mill-kaz odjern. L-ewwelnett it-Turkija kellha ligi li tirregola l-materja. Jinghad ukoll illi Salduz kien minorenni fiz-zmien tal-kaz u kien hemm ukoll allegazzjoni ta’ trattament hazin tieghu waqt l-interrogazzjoni u li ta’ l-istqarrija tieghu meta mgieghel.”*

“Din il-Qorti allura ccitat kemm is-sentenza ta’ Salduz – *“Although article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of the police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing.’* u kemm is-sentenza **“Plonka vs Polonja”** (31 ta’ Marzu 2009)*; The Court eiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer ... is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless article 6 (3) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the contracting states the choice of the means of ensuring that is secured in their judicial system, the Court’s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial, In this respect, it must be remembered that the convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory, but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself*

*ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused.”*

“Il-Qorti allura kkonkludiet illi il-fatt wahdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja jrid jigi kunsidrat il-process gudizzjarju kollu u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet *‘in isolation’*. Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun l-isqarrija tieghu allura l-Qorti li trid tiddeciedi l-kaz, trid toqghod attenta ghax sejba ta’ htija jistghu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bhala *‘unsafe’*.

“Il-Qorti fil-kaz in ezami thoss li kuntrarjament ghall-kaz ta’ Lombardi, f’dan il-kaz hemm zewg fatturi mportanti li kienu mankanti f’dak il-kaz. L-ewwelnett ir-rikorrenti kien minorenni meta gie interrogat; u it-tieni, il-prosekuzzjoni gia’ ddikjarat illi ma ghandhiex aktar provi u allura l-unika prova fil-konfront tar-rikorrent hija appuntu l-istqarrija tieghu. Kif jidher mis-sentenzi citati, wiehed irid jara l-process kollu u l-process kollu jikkonsisti biss fil-fatt li l-prosekuzzjoni ipproduciet stqarrija maghmula mill-akkuzat li kien minuri meta gie nterrogat. Huwa veru li huwa ma allegax li gie maltrattat waqt l-interrogazzjoni izda fil-kaz in ezami wiehed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija li tkun migbura mill-Pulizija izda fuq tifel ta’ sbatax-il sena b’fedina penali, altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba ghalih li kien arrestat. Minorenni f’din is-sitwazzjoni aktar iva milli le, jkun intimidat mill-istess prezenza ta’ numru ta’ ufficjali tal-pulizja f’ambjent minnu nnifsu stramb ghalih, jekk ma jkollu lill-hadd min jghinnu u li fih jista’ jafda. Mhux gust li jigi nterrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, minghajr ma jkollu assistenza. F’certu pajjizi mhux lecitu li wiehed jinterroga minorenni minghajr il-prezenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tieghu jew taghha. Ghalhekk tenut kont ta’ kollox, il-Qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-drittijiet fundamentali tieghu sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja miksur.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-lanjanza tar-rikorrent u tqis li n-nuqqas ta’ prezenza ta’ Avukat waqt l-interrogazzjoni tieghu hija fil-kaz in ezami, lesiva tad-drittijiet tal-istess rikorrent kif sancit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tordna li kopja ta’ din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif presjeduta fil-bidu tal-procedura kriminali kontra r-rikorrent biex jekk ikun il-kaz, tkompli tinstema’ u tigi deciza skond il-ligi.

“Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.”

**Rikors tal-Appell tal-Kummissarju tal-Pulizija**

Minn din is-sentenza appella l-Kummissarju tal-Pulizija b’dawn l-aggravji:

In succinct dawn jistghu jigu sintetizzati hekk:

L-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjoni zbaljata fir-rigward tal-volontarjeta` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellat u dan peress illi l-appellat ghalkemm minorenni ma kienx baqghalu hafna sabiex jaghlaq it-tmintax-il sena u l-Qorti kellha timxi fuq il-fattispecie tal-kaz sabiex tasal ghall-konkluzjoni jekk fil-fatt l-appellat kienx intimidat jew le waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija.

It-tieni aggravju huwa li r-raguni li gabet l-ewwel Qorti li l-istqarrija kienet l-unika prova li kellha l-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellat, kellha tigi evalwata fir-rigward tal-procedura fit-totalita` taghha u mhux fir-rigward ta’ mument izolat ta’ dik il-procedura.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tiddikjara li f’dan il-kaz ma kienx hemm lezjoni tad-drittijiet tal-appellat kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Risposta tal-appell ta’ Esron Pullicino**

L-appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata u li l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant filwaqt li rribadixxa r-ragunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti Civili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) in segwitu` ghal proceduri ta' riferenza li saret lil dik il-Qorti mill-Qorti tal-Magistrati li talbet lill-Qorti tiddeciedi jekk gewx lezi d-drittjiet fundamentali tal-akkuzat meta dan ma kienx assistit minn Avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxja stqarrija u dan anke wkoll ghax kien minorenni.

L-ewwel Qorti wiegbet il-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati bis-sentenza fuq imsemmija fejn sabet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u laqghet il-lanjanza tar-rikorrent ghax kien minorenni meta gie interrogat u ghall-istqarrija li rrilaxxja kienet l-unika prova li kellha l-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu.

L-aggravju ewlieni tal-appellant jirrigwarda l-kwistjoni tad-dritt ta' akkuzat li jigi assist minn avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni mill-Pulizija. Huwa jsostni li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali, imma biss dritt ghal smiegh xieraq meta persuna tigi akkuzata b'reat kriminali u dan id-dritt ta' smiegh xieraq ghandu jigi ezaminat fl-assjem tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument partikolari izolat ta' dik il-procedura.

F'dan il-kaz jirrizulta bhala fatt li meta ttiehdet l-istqarrija tal-appellat huwa kien minorenni u li l-unika prova li ghandha l-prosekuzzjoni kontra tieghu hija l-istqarrija li hu kien irrilaxxja.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid hekk:

"(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat

ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

"(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

"(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk."

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta' assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-*fair trial*. Insibu f'dawn id-decizjonijiet li:

*"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial"*

*(**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).*

Illi din il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti ta' Strasbourg[1] u b'mod partikolari ghas-sentenza **Salduz v. Turkey[2],** sentenza tal-Grand Chamber u sentenzi ohra sussegwenti fl-istess vena fejn l-principju stabbilit f'Salduz gie sewgit. Il-Qorti f'Salduz qalet hekk:

"*In order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police.*

[1] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti 'Il-Pulizija v. Mark Lombardi'..
[2] App.No. 36391/2 datata 27 ta'Novembru 2008.

*Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6.*

*The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction".* [para 55].

Ghalhekk, skont il-Qorti ta' Strasbourg, ir-regola hija li akkuzat ghandu jkollu access ghall-avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni. Huwa meta jkun hemm, *compelling reasons*, jew ragunijiet gravi, li allura eccezzjonalment, id-dritt ghall-avukat jista' jigi ristrett. Imma anke f'dak il-kaz, il-Qorti trid tara' jekk id-dritt tal-akkuzat ghal procediment xieraq, fl-assjem tieghu, giex pregudikat.

Illi l-appellant pero` jsostni li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-procedura u mhux fir-rigward ta' xi mument partikolari ta' dawk il-proceduri.

Ghalkemm din il-Qorti sa certu punt taqbel ma' dan il-principju, hija tal-fehma pero` li meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Kif tikteb **Karen Reid**, **"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights",** [3rd Edition page 70] *"While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".* Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wiehed minn dawn il-fatturi li jistghu jippregudikaw irrimedjabbilment id-dritt ta' persuna akkuzata meta r-regola, *ormai* stabbilita, hija li wiehed ghandu jkun assistit minn avukat.

L-appellant jikkontendi li l-appellat m'attakkax il-volontarjeta` o meno tal-istqarrija tieghu. Il-Qorti pero` tirrileva li l-ilment tal-appellat imur lil hinn mill-fattur tal-volontarjeta` tal-istqarrija, li hu, wara kollox, qatt ma kkontesta. L-ilment tieghu kien fid-dawl tal-gurisprudenza fuq riferita tal-Qorti ta' Strasbourg li tishaq li d-drittijiet sanciti mill-Artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni jinkludu d-dritt ta' assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzoni tal-Pulizija, u qabel ma persuna tirrilaxxja l-istqarrija taghha.

L-appellant isostni wkoll li minn imkien ma jirrizulta li l-appellat gie b'xi mod mgieghel jirrilaxxja l-istqarrija jew li ntuzat il-forza kontra tieghu. Jinsisti li nghatat is-solita twissija qabel l-appellat irrilaxxja l-istqarrija.

Din il-Qorti tirrileva li r-raguni li l-Qorti Ewropeja tinsisti fuq id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni.  L-argument li altrimenti lill-Pulizija jittnehhielha ghodda importanti sabiex jigu puniti reati dwar abbuz ta' droga mhux argument li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib hi l-mezzi biex issolvi l-investigazzjonijet taghha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni facili ta' ammissjoni minn persuna investigata minghajr l-assistenza ta' avukat.

Kif qalet il-Qorti fil-kaz **Salduz** fuq riferit**:**

*"These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities.  They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably <u>equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused</u>.* ***[53]***

*"At the same time, <u>an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings</u>…. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself". **[54]***

Fil-kaz in ezami m'hemmx kontestazzjoni li l-unika prova li ghandha l-prosekuzzjoni kontra l-appellat hija l-istqarrija tieghu li hu rrilaxxja lill-Pulizija meta huwa ma kienx assistit minn Avukat. Illi skont il-gurisprudenza fuq riferita l-ebda persuna m'ghandha tinkrimina ruhha b'mod li l-unika prova li titressaq il-Qorti fil-konfront taghha tkun l-istqarrija li hu jkun irrilaxxja, kif gara f'dan il-kaz. Aktar u aktar meta bhal kaz odjern l-akkuzat kien minorenni u fejn jidher li l-appellat ma kienx midhla tal-pulizija. L-appellant isostni li l-appellat ghalkemm minorenni ma kienx baqghalu hafna sabiex jaghlaq it-tmintax-il sena u ghalhekk mhux li kemm tghid li hu facilment kien se jigi intimidat bil-presenza tal-pulizija waqt l-interrogazzjoni. Il-Qorti hawnhekk tirribadixxi li r-regola hi li persuna ghandha tkun assistita minn Avukat mill-bidu tal-investigazzjoni mill-Pulizija, u l-fatt li akkuzat ikun minuri huwa aggravju ulterjuri ghaliex ma kellhiex tittiehdet l-istqarrija meta ma kienx assistit minn avukat. Hekk gara fil-kaz ta' Salduz fejn dan il-fattur ittiehet inkonsiderazzjoni mill-Qorti biex isahhah l-argument taghha. Inoltre fil-kaz Salduz, it-Turkija kellha ligi li tirregola din il-materja tad-dritt ta' avukat mentri fil-kaz taghna, hlief sa ricentement, lanqas biss kellna ligi li taghti dan id-dritt.

Minn ezami tal-fatti kif jemergu f'dan il-kaz, ghalhekk jirrizulta sufficjentement pruvat li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, gie vvjolat kemm fuq bazi oggettiva kemm ukoll mill-aspett ta' *"self-incriminating evidence"*. Fil-mument li gie interrogat l-appellat u meta rrilaxxja l-istqarrija mal-ufficjal koncernat kienet tipprevali *"a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions"*. (**Boz v. Turkey 9.02.2010**, u **Dayanan v. Turkey 13.10.2009)**.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellat ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta huwa ma nghatax l-assistenza legali.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravju tal-appellant mhux gustifikat u qed tichdu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u konsegwentement tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tal-appellat ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta dan ma kienx assistit minn Avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxja stqarrija[3].

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa.

Tordna li l-proceduri kontra Esron Pullicino jitkomplew konformament ma' dak hawn deciz, u kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li quddiemha qed jitmexxa l-kaz ghall-prosegwiment skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Termini uzati fir-referenza.